MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Numru 5/2001

**Att. T'Akkuza 5/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Fabian Galea**
**Michael Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 5 tas-sena 2001 kontra l-akkuzati Fabian Galea u Michael Zahra, li bih huma gew akkuzati talli :

1) Skond l-Ewwel Kap, ghall-habta ta' nofs Awissu tas-sena elf disa mija disgha u disghin (1999) Fabian Galea u Michael Zahra intlemhu mill-Pulizija jaslu fl-akwati tar-razzet abbandunat, fil-kuntrada tas-Santi, limiti tal-Imgarr, Malta, f'hin tard matul il-lejl riekbin gewwa karozza Peugeot 104, bajda, numru ta' registrazzjoni IAZ 543, irregistrata f'isem Fabian Galea. It-tnejn li huma nizlu mill-

karozza u kellhom f'idejhom xi jerry cans, torch u xi attrezzi ohra. Il-Pulizija osservawhom dehlin fil-kmamar tal-imsemmi razzett bil-mod kif gie deskritt aktar il-fuq hawnhekk. Kemm Fabian Galea kif ukoll Michael Zahra taw x'jifhmu li ma kienux godda ghal dak l-ambjent, tant li kienu jafu x'hemm u x'ma hemmx hemm gew. Kienu ilhom jiffrekwentaw l-istess akwati ghal madwar l-ahhar erba xhur. Fil-fatt, ghal certu hin, it-tnejn li huma dehru jindukraw diversi pjanti tal-haxixa tal-cannabis (madwar ghoxrin pjanta b'kollox) billi jtuhom l-ilma mill-jerry cans kif ukoll irawwmu w jirrangaw xi zkuk tal-istess pjanti mifruxin f'dak l-ispazju. Kienu jaghmlu dan kollu bl-iskop li jikkultivaw il-pjanti tal-haxixa tal-cannabis ghall-fini ta' traffikar, ossia sabiex imexxu l-istess droga lil terzi persuni.

Illi l-imsemmija Fabian Galea u Michael Zahra la kellhom licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil taghhom u anqas kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija. Inoltre Fabian Galea u Michael Zahra ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellhomx licenzja w anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess Fabian Galea u Michael Zahra ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija Fabian Galea u Michael Zahra saru hatja talli kkultivaw il-pjanta cannabis, liema kultivazzjoni ta' pjanta hija pprojbita mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta hadd minnhom ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellhomx licenzja u anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess Fabian Galea u Michael Zahra ma kellhomx licenzja li

jipprokuraw l-istess droga u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ghaldaqsant, l-Avukat Generai fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Fabian Galea w Michael Zahra, hatja talli kkultivaw il-pjanta cannabis, liema kultivazzjoni ta’ pjanta hija pprojbita mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), u ma kellhomx licenzja u anqas kienu xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess Fabian Galea u Michael Zahra ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

U peress li kemm Fabian Galea kif ukoll Michael Zahra kienu nstabu precedentement hatja ta’ delitti, nkluz delitti taht l-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, skond sentenzi tal-ewwel ta’ Settembru, elf disa mija tnejn u disghin, disgha u ghoxrin ta’ Settembru, elf disa mija seba u disghin u sbatax ta’ Frar, elf disa mija disgha w disghin, u ghaxra ta’ Mejju, elf disa mija u hamsa u tmenin, ghaxra ta’ Lulju, elf disa mija sitta u tmenin, tnejn u ghoxrin ta’ Awissu, elf disa mija u disghin, erba u ghoxrin ta’ Ottubru, elf disa mija hamsa u disghin, u hmistax ta’ Novembru, elf disa mija tlieta u disghin rispettivament, l-Avukat Generali ukoll addebita lill-imsemmija akkuzati bir-recidiva.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w li kull wiehed minnhom jigi ikkundanat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomor, u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha wzati biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata l-medicina msemmija, u ta’ kull flejjes jew proprejta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(c), 12, 13, 14, 15 A, 20, 21(1) (1B), 22 (2)(a)(i), (3)(3A)(5)(9), 22(E), 25, 26, 28 u 30 tal-Kapitolu 101, fl-artikoli 23, 49, 50, 28(A)(7)(b)(c) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

2) Skond it-Tieni Kap, fil-lejl ta’ bejn il-hmistax u s-sittax t’Awissu tas-sena 1999, waqt li Fabian Galea kien mar f’razzett gewwa l-limiti tal-Imgarr, Malta, bl-iskop li jkattar il-kultivazzjoni tal-pjanti tal-haxixa Cannabis, huwa kien qieghed igorr fil-karozza tieghu, Peugeot 104, bajda, numru ta’ registrazzjoni IAZ 543, mus kbir bil-manku iswed u tal-marka Panther.

Fabian Galea ma kellu ebda licenzja da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija skond il-ligi sabiex izomm jew igorr l-imsemmi mus u dak il-hin ma kienx qieghed igorr jew izomm dik l-arma ghal xi ghan legittimu.

Illi b’eghmilu, l-imsemmi Fabian Galea sar hati talli zamm jew garr xi sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni tal-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghrufa bhala flick knife jew flick gun, jew xi sikkina li jkollha xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta’ gravita’ jew bl-applikazzjoni ta’ forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta’ buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kultant maghrufa bhala gravity knife.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Fabian Galea hati talli zamm jew garr xi sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni tal-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghrufa bhala flick knife jew flick gun, jew xi sikkina li jkollha xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta’ gravita’ jew bl-applikazzjoni ta’ forza centrifugali w li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta’ buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kultant maghrufa bhala gravity knife.

U peress li Fabian Galea kien instab precedentement hati ta’ delitti, inkluz delitti u reati taht l-Ordinanza Dwar l-Armi, skond sentenzi tal-ewwel ta’ Settembru, elf disa mija tnejn u disghin, disgha u ghoxrin ta’ Settembru, elf disa mija seba u disghin u sbatax ta’ Frar, elf disa mija disgha u disghin, L-Avukat Generali addebita wkoll lill-imsemmi

akkuzat bir-recidiva u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hames mitt lira, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar, jew ghal dik il-multa w prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 20, 23, 19, 25(1)(a)(b), 26  27 tal-Kapitolu 66, u fl-artikoli 23, 49, 50, 28(A)(7)(b)(c) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota ta' l-akkuzati datata d-29 ta' Jannar, 2003, li permezz taghha nformaw llil-Qorti li huma kien bi hsiebhom jirregistraw ammissijoni tal-imputazzjonijiet lilhom addebitati.

Rat illi fis-seduta tallum l-akkuzati ghad-domanda kienux hatja jew mhux hatja tal-Kapi tal-Att tal-Akkuza kif emendat skond is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2001, wiegbu li kienu hatja.

Rat li wara li din il-Qorti tat lill-akkuzati zmien biex jergghu jahsbuha w wara li wissiethom bil-konsegwenzi li jista' jkollha tali ammisjoni ta' htija, l-akkuzati regghu wiegbu ghall-mistoqsija billi regghu tennew li huma hatja skond l-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda prodotta llum tar-Reverendu Fr. Hilary Tagliaferro.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha maghmula.

Tiddikjara lill-akkuzati **Fabian Galea u Michael Zahra** hatja skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza talli fil-lejl ta'

bejn il-hmistax u s-sittax t’Awissu tas-sena 1999 f’razzett abbandunat fil-kuntrada tas-Santi, limiti ta’ l-Imgarr, Malta:

(a) ikkultivaw il-pjanta cannabis, liema kultivazzjoni ta' pjanta hija pprojbita mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), meta ma kellhomx licenzja w anqas kienu xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija w meta ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

(b) U aktar talli kienu nstabu precedentement hatja ta’ delitti, inkluz delitti taht l-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, skond sentenzi tal-ewwel ta’ Settembru, elf disa mija tnejn u disghin, disgha u ghoxrin ta’ Settembru, elf disa mija seba u disghin u sbatax ta’ Frar, elf disa mija disgha u disghin, u ghaxra ta’ Mejju, elf disa mija w hamsa u tmenin, ghaxra ta’ Lulju, elf disa mija sitta w tmenin, tnejn u ghoxrin ta’ Awissu, elf disa mija w disghin, erba w ghoxrin ta’ Ottubru, elf disa mija hamsa w disghin, u hmistax ta’ Novembru, elf disa mija tlieta w disghin rispettivament.

Tiddikjara wkoll lil **Fabian Galea** hati skond it-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza talli fil-lejl ta’ bejn il-hmistax u s-sittax t’Awissu tas-sena 1999 f’karozza Peugeot fejn razzett fil-kuntrada tas-Santi limiti ta’ l-Imgarr, Malta:

(a) zamm jew garr xi sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni tal-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghrufa bhala flick knife jew flick gun, jew xi sikkina li jkollha xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta’ gravita’ jew bl-applikazzjoni ta’ forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta’ buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kultant maghrufa bhala gravity knife minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(b) U aktar talli kien instab precedentement hati ta’ delitti, inkluz delitti w reati taht l-Ordinanza Dwar l-Armi, skond sentenzi tal-ewwel ta’ Settembru, elf disa mija tnejn u

disghin, disgha w ghoxrin ta' Settembru, elf disa mija seba w disghin u sbatax ta' Frar, elf disa mija disgha w disghin.

Qieset il-verbal tad-difiza tal-lum stess fejn talbu preliminarjament lil din il-Qorti tiddikjara w tiddeciedi li l-Artikolu 492 (1) introdott bl-Att III tal-2002 mhuwiex applikabbli ghal dan il-kaz u dana invista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 27 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Qieset id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni tal-lum stess fejn, invista tad-diffikulta' li nqalghet f'dak l-istadju u minghajr pregudizzju ghall-fehma taghha in materja, iddikjarat li ghal dan il-kaz partikolari taqbel li l-parametri tal-piena applikabbli jkunu dawk stabiliti taht l-Artikolu 22 (2)(a)(i) u l-proviso (aa) u (bb) tal-istess u li ma ghandix tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda introdotta bl-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali, li giet introdotta wara li gew kommessi l-allegati reati.

Qieset ukoll li d-difiza ddikjarat li kienet sodisfatta b'din id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni.

Qieset ukoll ghal fini tal-piena li z-zewg hatja ghandhom it-tnejn kondotta mill-aktar refrattarja w diga' diversi drabi nghataw opportunita' li jirriformaw ruhom mill-Qrati.
Fil-fatt il-hati Fabian Galea gja gie misjub hati mhux inqas minn erba darbiet ta' reati serji u senjatament:
1) talli fid-29/8/1991 f'dawn il-Gzejjer kellhu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha u gie kkundannat ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u l-ispejjes tal-Qorti;
2) talli fid-9/11/1992 u matul l-ahhar granet qabel kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr licenzja tal-Pulizija, fil-hin li kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' delitt; kellu fuq il-persuna tieghu arma li taqta' w talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1/9/1992, u gie kkundannat ghal erba' xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin u sabiex ihallas l-ispejjes tal-Qorti;

3) talli fis-sitt xhur ta’ qabel is-6/4/1994 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, u fil-5/4/1997 u xhur qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, u talli kiser il-provvediment tal-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi kkometta reati li ghalihom hemm pieni ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12/7/1993 u talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1/9/1991 u gie kkundannat ghal multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) u erba xhur prigunerija ghar-rigward tas-sentenza sospiza fuq imsemmija;
4) talli fit-13/10/1995 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, biegh jew xort’ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha, talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1/9/1992 barra minn dan ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12/7/1993 u gie kkundannat tnax (12) il-xahar prigunerija w multa ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300);
u dana apparti reati ohra minuri.

Il-hati Michael Zahra gie misjub hati mhux inqas minn hdax il-darba u senjatament:

1) talli f’dawn il-Gzejjer b’eghmil zini ikkorrompa tfajla minorenni u kkommetta atti kontra d-dicenza w l-morali f’post pubbliku jew f’post espost ghal pubbliku w gie lliberat b’kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;
2) talli fl-10/4/1984 ikkommetta serq ta’ tnax il-fenek li l-valur jeccedi l-LM10 u liema serq kien aggravat bi vjolenza w gie mghoti l-liberta’ kondizzjonata;
3) talli f’Gunju 1984 kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata (hohypnol) minghajr ma kien awtorizzat mill-ligi u gie kkundannat ghal multa ta’ tmenin lira Maltin (LM80);
4) talli fl-1/8/1985 kellu fil-pussess tieghu medicinali specifikati u psychotropici w fit-18 t’Ottubru 1985 kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis u r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u sar recediv b’reat simili f’sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u gie kkundannat ghal multa ta’ mitt lira Maltin (LM100);
5) talli matul l-ahhar xhur qabel il-25/6/1990 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi u gie kkundannat ghal multa ta’ mitt lira Maltin (LM100);
6) talli fis-7/5/1989 nstab li kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat mill-ligi u aktar sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fl-10/5/1985 u fl-10/7/1986 u gie mpoggi taht Probation ghal tlett snin;
7) talli fl-20/9/1990 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha kif ukoll kellu fil-pussess tieghu drogi specifici w psikotropici minghajr awtorizazzjoni skond il-ligi w talli huwa gie meqjus recediv wara li gie kkundannat ghar-reati b’sentenzi tal-10/5/1985, 10/7/1986 u tat-22/8/1990 u gie mqieghed taht Probation ghal tlett snin kif ukoll ordnat ihallas l-ispejjes tal-Qorti;
8) talli fis-6/11/1990 f’Hal-Qormi kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew ipprokura d-droga Eroina lil persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22/8/1990 u rega’ ghat-tielet darba gie mpoggi taht Probation ghal tlett snin (3);
9) talli f’Hal-Qormi fis-27/1/1989 bil-hsieb li jikkommetti serq mill-ufficju tal-Lottu Pubbliku wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza, ammont u hin, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi w sar recediv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10/4/1984, 10/5/1985 u 10/7/1986 u gie kkundannat ghal tmintax il-xahar (18) prigunerija w biex jhallas l-ispejjes tal-Qorti, liema sentenza jidher mill-fedina penali tal-istess hati giet sospiza ghal tlett snin mill-Qorti tal-Appell;
10) talli fl-14/6/1990 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Eroina lil persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta’

Malta w minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, kellu fil-pussess tieghu w garr fuqu arma (mus) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u mitejn u sebghin lira multa;
11) talli fl-20/5/1996 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu; talli kiser il-provvedimenti tal-Art. 5 tal-Kap 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tas-27/5/1993 u sar recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10/7/1986 u 28/8/1990 u barra minn dan ikkommetta reati simili li ghalihom hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv b'sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15/11/1993 u fl-24/10/1995 mill-Qorti tal-Appell, u gie kkundannat ghal tlett mitt lira Maltin (LM300) multa b'dana li s-sentenza sospiza giet estiza ghal sentejn ohra;
u dana apparti li gie misjub hati tar-reati minuri ohra.

Qieset l-insenjament ta' dawn il-Qrati, u ta' Qrati barranin meta jkun hemm ammissjoni bikrija kif hemm f'dan il-kaz, it-tip ta' droga (Cannabis) li l-hatja kienu qed jikkoltivaw, kif ukoll l-kwantita' konsistenti f'dsatax il-xitla li jgibu xi 67.7 grammi ta' l-istess, u t-taghmir jew materjal adoperat mill-hatja fil-kors ta' din il-koltivazzjoni li mill-inqas damet ghaddejja ghal perjodu ta' madwar erba xhur kif ukoll li l-hatja stqarrew a tempo vergine li dina d-droga kienet intiza ghal konsum taghhom personali; il-fatt li kif xehed Fr. Hilary Tagliaferro l-hati Michael Zahra kien ghamel progress kbir fil-fatma tieghu mill-vizju tad-droga w li l-hati l-iehor Galea kien ukoll maghruf ma' l-istess xhud bhala li xi darba kien dipendenti mid-droga, kif ukoll li l-hatja ghamlu xi zmien arrestati preventivament.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni illi m'ghandhomx isiru paraguni mal-piena applikata f'kazijiet ohrajn fejn il-fattispeci w cirkostanzi ma jkunux simili w li r-reat tal-pussess, traffikar jew koltivazzjoni ta' Cannabis huwa imputabbli w kastigat bl-istess mod f'ghajnejn il-ligi bhal fil-kaz ta' drogi ohrajn bhal eroina u kokaina; illi f'dan il-kaz kien hemm mill-inqas zewg persuni involuti w fuq

kollox li z-zewg hatja kienu recidivi ghal aktar minn darba w li ma kienx applikabbli ghal kaz taghhom l-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Qieset ukoll illi l-hati Zahra kien inghata sentenza sospiza fil-15 ta’ Novembru 1993 ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema perjodu kien umbaghad gie estiz b’sentejn ohra b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Dicembru 1997.

Qieset ukoll li f’dan il-kaz il-parametri tal-piena, bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, huma dawk stabiliti taht l-Artikolu 22 (2)(a)(i) u l-proviso (aa) u (bb) tal-Kap 101 u li m’ghandix tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda introdotta bl-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali.

Ezaminat is-sentenzi li ghamlet riferenza ghalihom id-difiza w tosserva li fil-kaz ta’ Ortiz tas-6 ta’ Jannar, 2003 minkejja l-kwantita’ sostanzjali w t-tip ta’ droga, si trattava ta’ persuna incensurata u mhux recidivi ghal diversi drabi bhal ma huma l-hatja.

Wara li rat l-Artikoli 8(c), 12, 13, 14, 15A, 20, 21(1) (1B), 22 (2)(a)(i), (3)(3A)(5)(9), 22(E), 25, 26, 28 u 30 tal-Kapitolu 101, l-Artikoli 20, 23,19, 25(1)(a)(b), 26 u 27 tal-Kapitolu 66, u fl-Artikoli 23, 49, 50, 28(A)(7)(b)(c) u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tikkundanna lil **Michael Zahra** ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien disgha snin, b’dan li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz u ghall-multa ta’ ghaxar telef lira Maltin konvertibbli f’sitt xhur prigunerija ohra jekk ma jithallsux minnu fih u tordna li jerga jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu ghal ksur tas-sentenza sospiza tal-15 ta’ Novembru 1993 liema sentenza sospiza kienet umbaghad estiza ghal sentejn ohra b’sentenza ohra taghha tal-15 ta’ Dicembru 1997.

Tikkundanna lil **Fabian Galea** ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien disgha snin u sitt xhur, b'dan li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u ghall-multa ta' ghaxar telef lira Maltin konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra jekk ma jithallsux minnufih.

Tikkundanna wkoll lil Michael Zahra u Fabian Galea ihallsu kull wiehed l-ammont ta' mija u hamsa u tlettin lira Maltin u sittax il-centezmu liema ammont jirraprezenta n-nofs tat-total tal-ispejjes tal-perizji inkorsi f'dan il-process;

Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti w l-oggetti kollha uzati biex tinhazen jew tinzamm, tinbiegh jew tigi traffikata d-droga msemmija w ta' kull flejjes jew propjeta', mobbli w mmobbli ohra taz-zewg persuni misjuba hatja favur il-Gvern ta' Malta;

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati mall-abbuz tat-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizzjoni diretta tal-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret.

-------------------------------TMIEM-------------------------------